MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 361/1999/1

**Victor Cuschieri**

**Vs**

**Agius Marble Works Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li thallas lill-istess attur s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm524.00) rapprezentanti l-prezz ta' xogholjiet ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1997 u tal-Mandat Kawtelatorju ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati mal-avviz; u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 5 ibid) u li biha eccepiet:-

1. Illi x-xoghol ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti u mhux skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta' eccipjenti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess ,is-somma pretiza hija esagerata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Ili f'dan il-kaz, l-unici provi prodotti kienu da parti tal-attur u jikkonsistu kif ser jinghad:-

a) <u>L-attur stess</u> (fol 11 sa fol 14 tal-atti) li spjega li s-socjeta' konvenuta, permezz ta' ftehim ta' "<u>locatio operis</u>" kienet inkarigat lilu sabiex jwahhal irham provdut mis-socjeta konvenuta f'kamra tal-banju f'post, fil-Qrendi, appartenenti lil Gerald Gouder. In rigward l-istess xoghol, esegwit kollu, jinsab anness mal-atti, l-'Invoice" relattiv. Dwar ir-<u>rati</u> li bihom l-attur kellu jithallas mis-socjeta konvenuta, l-attur spjega li kien hemm ftehim, dwar dawn, ma' Carmelo Agius, in rappresentanza tal-istess socjeta konvenuta. Inoltre l-attur kien, di gja, esegwixxa xoghol iehor bhal dak in esami fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta, in rigward liema xoghol kien thallas. L-istess attur kompla billi sostna li dwar ix-xoghol esegwit, ma kien hemm ebda lment u li ma kienx thallas, aktarx, minhabba "…. L-argument (kif deskritt fix-xhieda tieghu) li kien hemm bejn Carmel Agius u siehbi ….. in rigward xoghol iehor pero".

b) L-imsemmi <u>Gerald Gouder</u> (fol 24 u 25 tal-istess atti) li ikkonferma li l-attur kien esegwixxa x-xoghol kollu fil-post tieghu u filfatt l-istess xhud kien hallas Lm650 lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-istess appalt. Dwar l-istess

xoghol esegwit mill-attur, ma kellu ebda lment dwaru hlief "…. Li gieli x-xoghol kien miexi daqsxejn bil-mod u dan minhabba kwistjoni ta' supply and demand" u hawnhekk ta' minn jigi ripetut illi l-materjal kollu kellu jigi provdut mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 23, fol 26 u fol 27, is-socjeta konvenuta kellha tipproduci l-provi taghha in sostenn ta' dak eccepit minnha. Pero dan ma kienx avvera ruhu u b'hekk, ma giex pruvat li x–xoghol in kwistjoni "ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u mhux skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta eccepjenti" jew li "…. Is-somma pretiza hija esagerata", kif hemm allegat fl-eccezzjonijiet sottomessi.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher, a basi tal-provi prodotti kif hawn fuq esposti, illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm524.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1997 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju tal-4 ta' Marzu 1999.

--------------------------------TMIEM--------------------------------